MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 230/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Christopher Bartolo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-12 ta’ Marzu, 2010 u fis-16 ta’ Marzu 2010, ghall-habta tat-3.00 p.m. meta hekk ordnat mill-Qorti jew marbut bil-kuntratt biex jaghti access lil Charmaine Bartolo ghal uliedhom, irrifjuta li jaghmel hekk minghajr raguni xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien gimgha ai terminu tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-appellant.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Mejju, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara s-sentenza appellata nulla w konsegwentement tiddisponi minn dan l-appell skond il-ligi, alternattivament u minghajr pregudizzju, tirrevoka s-sentenza appellata, w tilliberah minn kull imputazzjoni u sanzjoni skond il-ligi, alternattivament u minghajr pregudizzju, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. Illi dawn il-proceduri huma kolpiti minn difett procedurali stante li, minkejja illi saret talba legittima sabiex tixhed it-tifla li llum ghandha hdax-il sena, tali talba giet michuda w kwindi s-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti hija nulla. B’dak li gara jfisser li l-appellant twaqqaf milli jressaq prova indispensabbli ghad-difiza tieghu u bhala konsegwenza jirrileva li bhala rimedju ghandu jinghata l-fakulta’ tad-doppju ezami, l-atti rimessi lill-Qorti tal-Magistrati biex tinstema fost ohrajn il-minuri;

2. Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jinghad li dan huwa kaz *sui generis*. Fil-kamp legali kulhadd ghandu jaqbel li digriet ta’ Qorti ghandu jigi rispettat u f’kaz bhal dan min ma jottemporax ruhu ma’ tali digriet ikun qed jikser disposizzjoni tal-ligi penali.

Illi minn ezami akkurat tad-deposizzjonijiet moghtija f’dan il-kaz u fl-assjem tal- provi kollha, ma jistax jinghad li legalment u ragonevolment l-appellant kiser id-dispozizzjoni tal-ligi *de quo.*

Illi l-appellant jifhem li l-ulied jehtieg li jkollhom relazzjoni sana mal-genituri. Pero’ fil-kaz odjern kienet Charmaine Bartolo li ppermettiet li tinholoq sitwazzjoni xejn felici bejna w bejn it-tifla taghha. Dan l-istat ta’ fatt johrog car mir-rapport tas-social worker.

Ghall-kuntrarju ma hemm xejn mill-korp tal- provi x'jindika, lanqas sal-grad tal-possibbli, li l-appellant b'xi mod ghandu jerfa' xi responsabbilita ghas-sitwazzjoni xejn felici li hemm bejn it-tifla w l- omm.

Illi sal-grad 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni jirrizulta f'dan il-process li fil-granet u l-hin ta' l-access ghall-omm, it-tifla minuri tkun fizikament hemm prezenti u lesta sabiex l-omm tezercita l-access. Sfortunatament, in sostenn tal-imputazzjoni kif dedotta, l-prosekuzzjoni qed tallega li huwa l-appellant ossia l-attitudni ta' influwenza tieghu li qed totakola l-access tal-omm ghall- minuri. Fatt mhux ta' ftit rilevanza hu li din hi biss allegazzjoni minghajr ebda bazi fattwali. Jidher pero' li l-Ewwel Qorti, fl-ezami tal-korp tal-provi, tat piz lil din l-allegazzjoni u ekwiparata bhala li kieku l-appellant naqas li jaghti access skond il-ligi. Jinghad li kull argument li, *dato ma non concesso* li l-appellant ma kkonvinciex lil bintu tmur ma' l-omm ikun ifisser li hu qed jikser il-ligi penali, m'ghandu ebda sostennibilita fil-ligi.

Illi allura fil-kuntest ta' dak li effettivament gara, ma jistax jinghad li l-appellant irrifjuta li jaghti lil Charmaine Bartolo l-access ghat-tifla. U kwindi l-appellant ihoss li ghandu jigi misjub mhux hati tal-imputazzjoni dedotta.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jigi trattat waqt is-smiegh ta' dan l-appell, is-sanzjoni nflitta mill-Ewwel Qorti hija wahda eccessiva w jezistu cirkostanzi li ghandhom jattiraw bdil fl-istess sanzjoni.

Rat is-sentenza taghha in parte tal-11 ta' Novembru, 2011 fejn idderemiet aggravju dwar difett procedurali tal-ewwel sentenza moghtija fis-17 ta' Mejju, 2010.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza kif ukoll tal-parti civili.

Ikkunsidrat :

Permezz ta' digriet moghti fit-22 ta' Gunju, 2009 (37/09) mill-Qorti tal-Familja, l-kura w il-kustodja tat-tifla minuri Thea Bartolo giet fdata f'idejn il-genituri u cioe` l-esponent

Christopher Bartolo u martu Charmaine, b'dana pero` illi l-minuri tghix mall-appellant u martu Charmaine ikollha access ghat-tifla fil-granet u hinijiet stabbiliti skond l-istess digriet.

Jidher pero` illi l-appellant ma kienx qieghed joqghod ghal dawn l-ordnijiet u kien hemm diversi cirkostanzi meta martu marret biex tigbor lit-tifla u din ma tigix, b'hekk l-appellant gie infaccat b'diversi kawzi kollha bl-istess mertu, talli naqas li jipprovdi access lil martu lit-tifla Charmaine.

Ikkunsidrat :

Id-difiza argumentat illi ma kienx tort tal-appellant illi kien hemm dan in-nuqqas, dana l-ghaliex bintu ma tridx tara lill-ommha. Jipprova kemm jipprova jikkonvinci lil bintu dina xorta ma tkunx trid taraha. L-appellant iwassal lil bintu wara l-bieb ta' martu u din terga` lura ghad-dar.

Irrifera ghar-rapport tas-social worker li a bazi tieghu inghata tali digriet liema rapport intqal illi dak iz-zmien li Thea kellha rabja kbira lejn ommha.

Minn naha l-ohra, l-parti civili argumentat illi t-tifla kull ma ghandha ghaxar snin u m'ghandha l-ebda dubju illi fil-fatt it-tifla kienet "brain washed" minn missierha u tkun sfurzata tghid illi ma tridx tmur mal-omm. F'dawk ic-cirkostanzi meta tkun maghha l-omm tinnota li l-appellant jibghat diversi sms's lit-tifla biex jiddisturba l-access maghha. Ma ngabu l-ebda provi l-ghala ma kellhix tmur mal-omm. Veru illi l-appellant darba minnhom kien allega illi l-omm kienet issawwat lit-tifla izda dana assolutament mhuhix veru u filwaqt li ma nnegax illi hu baghat sms's meta t-tifla Thea kienet ma l-omm, dawna riedu jinqraw fid-data u l-kuntest meta intbaghtet.

Ikkunsidrat :

Jibda biex jinghad illi biex tara jekk kienx hemm raguni xierqa ghala persuna tkun irrifjutat li taghti access ordnat minn Qorti l-Qorti trid twizen l-interessi kollha inkluz l-

interess li l-ordnijiet ta' Qorti jigu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest ("Il-Pulizija vs Carmen Tabone Reale" Qorti tal-Appell Kriminali 25 ta' Lulju 1994).

L-appellant jaf x'inhuma l-ordnijiet tal-Qorti u jaf illi huwa obbligat li f'certa hinijiet jipprovdi access lill-omm izda dan mhux qed jaghmlu jew inkella qed ikun ta' xkiel anki meta l-omm effettivament ikollha l-access tat-tifla.

Il-Qorti wisq tissuspetta li din il-povra tifla qeghda sservi ta' pedina fil-piki u l-glied illi hemm bejn il-partijiet, fejn parti tuza lit-tifla biex tinki lill-ohra. F'dan il-kaz, peress illi t-tifla tghix mal-missier, il-Qorti hija sodisfatta illi l-missier qed juza influwenza zejda fuq it-tifla sabiex dina ma tmurx mal-omm jew inkella tara lill-omm b'lenti negattiv.

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tara x'interess ghandu l-missier illi jwarrab lit-tifla mill-imhabba u attenzjoni ta' l-omm pero` fil-fatt hekk jidher li gara f'dawn il-kawzi. Huwa inutili li jghid illi jwassal lit-tifla wara l-bieb ta' martu u din terga` lura d-dar. Dan mhuwiex access fis-sens tal-ligi.

Kif qalet il-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Denise Borg tat-28 ta' April, 1995 :
***"il-kelma access kif uzata fl-artikolu 338(jj) tal-Kodici Kriminali u kif normalment uzata mil-Qrati Civili in materja ta' access ghall-ulied minn parti meta l-kura u l-kustodja taghhom tkun giet fdata f'idejn parti ohra, tfisser aktar milli sempliciment li wiehed jara lit-tifla jew tifel. Normalment, u cioe` sakemm ma jigix indikat mod iehor fl-ordni tal-Qorti, d-dritt ta' access jinkludi li wiehed jiehu lit-tifel jew tifla mieghu ghal matul il-hin jew perjodu ta' dak l-access."***

Fil-kaz in dizamina, fid-data u fil-hin indikat fic-citazzjoni, l-appellant irrifjuta illi jobdi ordni tal-Qorti illi jaghti access lill-martu Charmaine Bartolo ghall-uliedhom Thea.

Din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa` sejra hekk u l-Qorti tawgura illi fil-mori ta' dan l-appell il-partijiet gharfu

jirrealizzaw il-problemi taghhom u jibqawx juzaw lil binthom bhala pedina.

Il-Qorti tosserva b'sodisfazzjon il-verbal tal-21 ta' Jannar 2011 fejn id-difiza infurmat lill-Qorti li minn dak iz-zmien 'l hawn il-problemi jidhru li naqsu. Pero` hu x'inhu fiz-zmien indikat fic-citazzjoni l-appellant naqas illi jobdi ordni tal-Qorti u ghalhekk l-Ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet il-htija.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha*.*

Ghalhekk wara li din il-Qorti fliet il-provi li tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni issib illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha w ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata d-deskrizzjoni u l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta` w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferrma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------